MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 13/2006/1

**Mary Assunta Azzopardi mart Ludovico, Joseph Camilleri,**
**Michael Camilleri, Peter Paul Camilleri, Evangelista Hili mart Alfred f'isimha propju u kif ukoll ghan-nom tal-imsiefer David Camilleri u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2008 Alfred Hili gie awtorizzat jassumi l-atti ghan-nom tal-assenti David Camilleri stante l-mewt ta' Evangelista Hili fil-mori tal-kawza; u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2008 il-gudizzju gie transfuz f'isem Joseph Hili; Thomas Hili u Anthony Hili stante l-mewt tal-attrici Evangelista Hili fil-mori tal-kawza.**

**v.**

**Anthony Camilleri li b'digriet tal-14 ta' Marzu 2006 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Reverendu Dumink Camilleri u ghal kull interess li jista jkollhom: Loreta mart Salvu Camilleri, Carmen mart John Vella, Anna Maria mart il-Perit Teddie Busuttil, Raymond Camilleri, u Anton Camilleri kemm f'ismu propju u kif ukoll ghan-nom tal-imsiefer Eugene Camilleri u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2010 il-gudizzju inkwantu jirrigwarda lill-mejjet Anton Camilleri gie trasfuz fuq isem Marlene armla ta' Anton Camilleri, Clint Camilleri u Francesca Camilleri u b'digriet tal-5 ta' Marzu 2010 Ir-Reverendu Dun Duminku Camilleri assuma l-atti f'ismu proprio u f'isem l-imsiefer Eugene Camilleri**

1. Dan il-provvediment huwa dwar il-konsegwenzi li jġib miegħu n-nuqqas illi, fl-*occhio* ta' sentenza mogħtija minn qorti ta' prima istanza, jissemma' l-fatt illi mietet waħda mill-partijiet u illi l-kawża tkompliet fil-persuna tal-werrieta tal-parti li mietet.

2. Il-kawża, li hija azzjoni biex jitħassar kuntratt ta' donazzjoni magħmul mill-awtur tal-atturi minħabba vizzju tal-kunsens tad-donant, inbdiet b'rikors maħluf quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, minn bosta atturi, fosthom Peter Paul Camilleri. Dan Peter Paul Camilleri miet fid-9 ta' April 2008[1] meta l-kawża kienet għadha qiegħda tinstema' quddiem l-ewwel qorti u kienet għadha ma ġietx differita għas-sentenza. B'rikors tas-27 t'Awissu 2008[2] l-atturi Maria Assunta Azzopardi u John Bugeja talbu it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isimhom bħala werrieta tal-mejjet, u din it-talba ntlaqgħet b'dikriet tat-30 ta' Awissu 2008[3]. Meta iżda, fit-13 ta' Marzu 2009, ingħatat is-sentenza, fl-*occhio* tal-kawża kif muri fuq is-sentenza ma ssemmiex li kienet saret it-

1 *Fol.* 371.

2 *Fol.* 370.

3 *Fol.* 370.

trasfużjoni tal-ġudizzju wara l-mewt ta' Peter Paul Camilleri, li baqa' jidher fl-*occhio* bħallikieku kien għadu ħaj.

3. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-2 ta' April 2009, u fl-ewwel aggravju tagħhom igħidu illi l-*occhio* tal-kawża kif muri fuq is-sentenza appellata huwa żbaljat u dan iġib miegħu n-nullità tas-sentenza. Isaħħu l-argument tagħhom billi jiċċitaw sentenzi fejn dan il-prinċipju ġie aċċettat u konsolidat.

4. Il-konvenuti wieġbu fl-20 ta' April 2009 u, għalkemm jagħarfu l-ġurisprudenza favur it-teżi tal-atturi, igħidu illi interpretazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw il-materja għandha twassal għal konklużjoni differenti.

5. Wara illi l-avukati tal-partijiet ittrattaw dwar dan l-aggravju, il-kawża ġiet differita għallum "għas-sentenza limitatament dwar l-ewwel agravju [tan-nullità tas-sentenza.

6. Fit-tweġiba tagħhom għall-appell il-konvenuti jgħidu *inter alia* illi din il-qorti għandha s-setgħa li tordna li jissewwa l-iżball fis-sentenza, taħt l-art. 175(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**175.** (2) Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata.

7. Il-konvenuti jkomplu jgħidu hekk:

«… … … qari tal-artikolu 175 – illi kien ġie interament sostitwit bl-emendi tal-1995 – juri illi l-qorti fi stadju ta' appell għandha l-fakoltà u l-poter illi tordna jew tippermetti illi jsiru korrezzjonijiet mhux biss fil-korp tar-rikors tal-appell, imma anke fil-korp tas-sentenza vera u proprja, u dan il-poter jestendi anke għal korrezzjonijiet fl-ismijiet tal-partijiet jew tal-kwalità illi fiha kull parti tkun qed tidher, il-famuż 'okkju'. Difatti dan l-artikolu jippermetti korrezzjonijiet sabiex jigi korreġut "**kull żball** – fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell – jew fit-tweġiba". L-esponenti jifhmu illi din il-frażi tinkludi kull żball fir-rikors jew fit-tweġiba mingħajr ebda limitazzjoni. Kwindi jekk il-leġislatur ried jillimita l-fakoltà tal-korrezzjoni għal dak illi

jkun hemm kontenut fir-rikors jew fit-tweġiba seta', anzi messu, waqaf hemm. Mentri dan l-artikolu jkompli jgħid illi l-Qorti tal-Appell tista' tikkorreġi "**kif ukoll** kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru". L-esponenti għalhekk jissottomettu illi dan l-artikolu jagħti l-fakoltà lil din l-onorabbli qorti illi tikkorreġi anke żball simili għal dak odjern, fejn għalkemm saret it-trasfużjoni tal-ġudizzju minn fuq isem il-mejjet Peter Paul Camilleri, b'sempliċi żvista jew żball tal-pinna, l-ewwel onorabbli qorti naqset illi tissenjala dik it-trasfużjoni fl-okkju tal-kawża.»

8. Għalkemm tagħraf il-qawwa ta' dan l-argument tal-konvenuti, il-qorti madankollu taqbel mal-interpretazzjoni "tradizzjonali" illi qorti fi grad ta' appell ma għandhiex is-setgħa illi ssewwi żbalji f'sentenza ta' qorti ta' prima istanza. Ir-raġuni għal din l-interpretazzjoni toħroġ jekk tqabbel it-test tal-art. 175(2) mat-test ingliż u mat-test oriġinali, taljan, ta' dak li kien l-art. 202 tal-Ordinanza IV tal-1854, kif emendat bl-art. 59 tal-Ordinanza XV tal-1913, li jikkorrespondi għall-art. 175(2) tallum:

**175.** (2) Any court of appellate jurisdiction may also order or permit, at any time until judgment is delivered, the correction of any mistake in the application by which the appeal is entered or in the answer, including any mistake in the indication of the court which delivered the decision appealed from, in the name or character of the parties, or in the date of the judgment appealed from.

**202.** … … … Le Corti di seconda istanza possono ancora ordinare o permettere, in qualunque tempo fino alla sentenza, la correzione di qualunque errore nella nota di appello, nella petizione, nella citazione colla quale l'appello fosse proposto, e nella risposta, compreso qualunque errore nella indicazione della Corte, del nome o delle qualità delle parti, e della data della sentenza appellata.

9. Meta l-kelma "*compreso*" fit-test taljan inqalbet għal "kif ukoll" fit-test malti, it-tifsira nbidlet, waqt illi t-test ingliż baqa' iżjed fidil għat-test oriġinali taljan. Din il-qorti hija għalhekk tal-fehma illi, aktar milli jekk għandux jipprevalixxi t-test malti fuq dak ingliż, il-kwistjoni pjuttost hija dwar x'kien tassew il-ħsieb tal-leġislatur, u l-ġurisprudenza tifhem l-art. 175(2) fis-sens illi l-Qorti tal-

Appell għandha s-setgħa li ssewwi kull żball f'kull att li jiġi ppreżentat wara s-sentenza tal-ewwel istanza imma mhux ukoll fis-sentenza appellata.

10. L-artikolu relevanti għall-kwistjoni tallum huwa, fil-fehma tal-qorti, l-art. 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**790.** Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq.

11. Il-prinċipju ermenewtiku ta' *eiusdem generis* irid illi kull wieħed min-nuqqasijiet imsemmija fl-art. 790 ikun, bħal "kull difett ieħor" li għandu jwassal għan-nullità tas-sentenza, difett li "jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq". Il-partijiet li f'isimhom tkompliet il-kawża wara l-mewt ta' Peter Paul Camilleri, u li isimhom iżda ma jidhirx fl-*occhio* tas-sentenza, ma ġarrbu ebda preġudizzju minħabba f'dan in-nuqqas: kienu mgħarrfa bil-proċeduri mibdija mill-awtor tagħhom, kienu notifikati bl-atti li kienu jeħtieġu notifika, ħadu sehem fit-tmexxija tal-proċeduri, ma sar xejn minn wara daharhom, il-proċeduri saru quddiem qorti li kellha ġurisdizzjoni fuqhom, is-sentenza ma ngħatatx fuq ħaġa li ma kellhomx għax jistennew li sejra tingħata s-sentenza dwarha u ma ġarrbu ebda preġudizzju ieħor li jista' jxellfilhom il-jedd għal smigħ xieraq.

12. Jidher wisq evidenti illi li titħassar sentenza għal raġuni li ma tagħmel ebda preġudizzju lill-partijiet u li hija għalkollox indifferenti għall-interessi tagħhom mhux biss ma jkunx fl-interess tal-ġustiżżja iżda anzi jkun ta' ħsara, għax ikun ifisser li dak kollu li sar matul is-sitt snin li ilha tinstema' l-kawża jkun sar għal xejn u jkollu jsir mill-ġdid, b'ħela ta' ħin u ta' flus għalxejn, u dan kollu għal raġuni li ma għandha x'taqsam xejn mall-ħtiġijiet tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

13. Għalhekk, l-eċċezzjoni ta' nullità tista' tintlaqa' mhux minħabba xi nuqqas proċedurali iżda biss jekk ma jintweriex illi s-sentenza hija "ġusta fis-sustanza tagħha".

Dan jista' jsir biss wara illi l-appell ikun instema' fil-meritu. F'dan l-istadju għalhekk l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa'.
14. Il-qorti għalhekk tordna illi jkompli jinstema' l-appell. Dwar l-ispejjeż ta' dan l-episodju jkun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------